



Brussell, 19 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13896/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0223(COD)**

**TRANS 673
CLIMA 373
ECOFIN 1090
AVIATION 282
MAR 212
ENV 875
ENER 494
CODEC 1473
IND 347
COMPET 818**

RAPPORT

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.	ST 12495/21 + REV1
Nru dok. Cion:	COM(2021) 559 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, u li jħassar id-Direttiva 2014/94/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill - Rapport ta' progress/Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Preidenza pprevediet rapport ta' progress u dibattitu ta' orjentazzjoni għall-Kunsill TTE (Trasport) tad-9 ta' Diċembru 2021 dwar il-proposta msemmija hawn fuq. Sabiex tgħarraf lill-Ministri dwar il-progress li sar sa issa u biex tmexxi diskussjoni dwar il-passi li jmiss, il-Preidenza ħejjiet rapport ta' progress (Anness I) u mistoqsijiet għad-dibattitu ta' orjentazzjoni (Anness II).

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill mistieden jieħu nota tar-rapport ta' progress li jinsab fl-Anness I. Il-Kunsill mistieden jindirizza l-kwistjonijiet imniżżla fl-Anness II.

I. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta għal Regolament dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi (AFIR) lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fl-14 ta' Lulju 2021 bħala parti mill-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" ¹ bil-għan li l-politiki tal-UE dwar il-klima, l-enerġija, l-użu tal-art, it-trasport u t-tassazzjoni jkunu adatti biex tintlaħaq il-mira tal-UE ta' tnaqqis domestiku nett ta' mill-inqas 55 % fl-emissjonijiet ta' gassijiet serra sal-2030 meta mqabbla mal-1990.

L-objettiv tal-pakkett "Lesti għall-mira ta' 55 %" huwa li jintlaħqu l-miri miftiehma fil-Liġi Ewropea dwar il-Klima ² sabiex l-ekonomija u s-soċjetà jiġu ttrasformati b'mod fundamentali għal ġejjieni aktar ġust, aktar ekoloġiku u aktar għani. It-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-għaxar snin li ġejjin huwa kruċjali biex sal-2050 l-Ewropa ssir l-ewwel kontinent b'impatt newtrali fuq il-klima fid-dinja u biex il-Patt Ekoloġiku Ewropew isir realtà.

Sabiex jintlaħaq l-għan li l-UE titqiegħed fit-triq li jkollha impatt newtrali fuq il-klima sal-2050, ikun meħtieġ tnaqqis ta' madwar 90 % fl-emissjonijiet tat-trasport. Il-proposta ta' hawn fuq ikollha rwol ċentrali f'din it-trasformazzjoni, peress li l-objettiv ewlieni tagħha huwa li tappoġġa l-varar madwar l-Unjoni kollha ta' infrastruttura tal-irriċarġjar u tar-riforniment aċċessibbli għall-pubbliku għal fjuwils alternattivi fit-trasport bit-triq, l-avjazzjoni u s-settur tat-trasport fuq l-ilma.

L-għan ta' din il-proposta jinqasam fi tlieta:

- (i) li jiġi żgurat li jkun hemm network ta' infrastruttura suffiċjenti għall-iċċarġjar/irriċarġjar jew il-(ri)forniment tal-fjuwil ta' vetturi tat-triq jew ta' bastimenti bi fjuwils alternattivi;
- (ii) li jiġu pprovduti alternattivi għall-użu ta' magni abbord (li jaħdmu bil-fjuwils fossili) għal bastimenti irmiġġati jew għal inġenji tal-ajru stazzjonarji, u
- (iii) li tiġi żgurata l-interoperabbiltà sħiħa u l-faċilità tal-użu tal-infrastruttura.

¹ Il-pakkett hu magħmul minn tnax-il proposta tal-Kummissjoni fil-qasam tal-enerġija, l-ambjent, it-tassazzjoni, il-kummerċ u t-trasport; għadhom mistennija proposti addizzjonali fil-qasam tal-politika tal-enerġija qabel tmiem din is-sena. Tliet proposti leġiżlattivi huma marbutin direttament mal-politiki dwar it-trasport: il-proposta msemmija hawn fuq, ReFuel Aviation u FuelEU Maritime.

² Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021).

Il-proposta ta' hawn fuq għandha interkonnessjonijiet ma' proposti oħra tal-pakkett "lesti għall-mira ta' 55 %". B'mod partikolari, din il-proposta hija interkonnessa ħafna mal-proposta għar-reviżjoni tar-Regolament dwar l-istandards ta' prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 għall-karozzi u l-vannijiet u l-proposta għar-reviżjoni tar-Regolament dwar l-istandards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO2 għall-vetturi tqal, li hija prevista għall-2022. Ir-ritmu tal-varar tal-pools tal-iċċarġjar/irriċarġjar u tal-istazzjonijiet tal-(ri)forniment tal-fjuwil kif ukoll l-interoperabbiltà u l-faċilità tal-użu tagħhom ser jinfluwenzaw l-adozzjoni ta' vetturi b'livell ta' emissjonijiet baxxi jew zero. Fl-istess ħin, l-AFIR għandha rabtiet ma' FuelEU maritime, iżda hija wkoll ta' rilevanza għat-tnaqqis tal-emissjonijiet fl-avjazzjoni. Barra minn hekk, il-proposta tiddefinixxi fjuwils alternattivi b'koerenza mad-dispożizzjonijiet tal-proposta għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Enerġija Rinnovabbli.

II. ĦIDMA F'ISTITUZZJONIJIET OĦRA

Il-Parlament Ewropew ħatar lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) bħala l-kumitat responsabbli minn din il-proposta u lis-Sur Ismail Ertug (DE, S&D) bħala r-rapporteur.

Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew kif ukoll il-Kumitat tar-Reġjuni għadhom ma adottawx l-opinjonijiet tagħhom dwar il-proposta.

III. ĦIDMA FIL-KUNSILL U FIL-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU

Matul il-Presidenza Slovena, għadd sinifikanti ta' laqgħat fil-livell tal-Grupp ta' Ħidma dwar Kwistjonijiet Intermodali u Networks ittrattaw il-proposta ta' hawn fuq. Sal-lum, ġew iddedikati kompletament jew parzjalment erbatax-il laqgħa għall-eżami tal-valutazzjoni tal-impatt, eżami artikolu b'artikolu tal-proposta u l-eżami u d-diskussjoni dwar kompromess konsolidat tal-Presidenza³.

Barra minn hekk, il-proposta AFIR ġiet indirizzata fil-qafas ta' skambju usa' ta' fehmiet dwar it-tliet fajls relatati mat-trasport tal-pakkett “Lesti għall-mira ta' 55 %” li sar fil-laqgħa tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fit-12 ta' Novembru 2021.

Is-suġġett tal-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi ġie indirizzat ukoll fil-laqgħa ministerjali informali fis-Slovenja f'Settembru 2021.

³ ST 12495/21

Il-Presidenza Slovena ħejjiet ukoll ir-rapport ST 13977/21 bil-għan li jagħti s-sitwazzjoni attwali ġenerali u ħarsa ġenerali lejn il-progress li sar mhux biss fuq din il-proposta iżda b'mod ġenerali fuq il-pakkett “Lesti għall-mira ta' 55 %”. Ir-rapport jiffoka fuq l-aspetti orizzontali tiegħu, bħall-interkonnessjonijiet bejn il-proposti, u l-kwistjonijiet ewlenin li tqajmu fid-diskussjonijiet sa issa. Dan ir-rapport tqassam lill-formazzjonijiet kollha tal-Kunsill responsabbli mill-proposti differenti tal-pakkett bħala dokument ta' sfond.

IV. KWISTJONIJIET POLITIĊI EWLENIN U PROGRESS

Id-diskussjoni wriet appoġġ wiesa' għall-oġettivi u l-approċċ prinċipali tal-proposta. Madankollu, uriet ukoll li l-proposta hija kumplessa minħabba aspetti tekniċi u fehmiet politiċi differenti. Anke għaliex ċerti aspetti jiddependu fuq żviluppi futuri li mhuwiex dejjem faċli li jiġu antiċipati b'mod sħiħ bħal pereżempju d-definizzjoni ta' nodi urbani fir-reviżjoni mistennija tar-regolament TEN-T. Għalhekk, huwa meħtieġ aktar żmien għall-eżami xieraq tagħha.

L-eżami tal-proposta wera li huwa importanti li jiġi żgurat li l-utenti jkunu ċerti mill-kapaċità u d-disponibbiltà ta' infrastruttura suffiċjenti għal fjuwils alternattivi qabel ma jiddeċiedu li jixtru u jużaw vetturi jew bastimenti li jaħdmu bi fjuwils alternattivi. Il-varar ta' infrastruttura ta' iċċarġjar/irriċarġjar jew ta' (ri)forniment ta' fjuwil jeħtieġ li jiġi aċċellerat biex tiġi segwita l-veloċità mistennija tal-bejgħ ta' tali vetturi u bastimenti, inkella dawk il-vetturi u l-bastimenti ma jkunux kummerċjabbli u l-użu tagħhom jiġi mdewwem. Huwa daqstant importanti li jiġu pprovduti alternattivi nodfa għall-bastimenti li jaħdmu bil-fjuwils fossili li jkunu rmiġġati fil-portijiet u għall-inġenji tal-ajru li jintużaw kummerċjalment li jkunu stazzjonarji fil-gates jew f'pożizzjonijiet esterni fl-ajruporti.

L-eżami juri wkoll li huwa meħtieġ aktar żmien biex jiġu analizzati bis-sħiħ id-dettalji tal-proposta abbażi tal-istudji ta' appoġġ kollha li għadhom mhumix disponibbli għall-pubbliku. Barra minn hekk, hija meħtieġa aktar ħidma biex jiġu rfinati r-rekwiżiti tekniċi u biex tinkiseb perspettiva aħjar dwar l-iżvilupp ta' standards futuri b'mod partikolari sabiex jiġu mifhuma aħjar l-iżviluppi futuri fis-suq tal-vetturi tat-trasport bit-triq fis-segment heavy-duty.

Ġew diskussi possibbiltajiet differenti fir-rigward ta' pagamenti ad hoc u roaming. Il-pagament ad hoc jitqies bħala funzjoni importanti li jenħtieġ li tkun disponibbli fil-punti tal-irriċarġjar, u jista' tikkomplementa l-pagamenti bbażati fuq il-kuntratti għall-irriċarġjar u r-riforniment fuq infrastruttura aċċessibbli għall-pubbliku.

L-Istati Membri jifhmu l-importanza tal-monitoraġġ tal-iżviluppi, kemm tat-teknoloġiji attwali kif ukoll dawk futuri. Dan ser ikun importanti wkoll biex jiġi deċiż meta u kif il-leġislazzjoni tkun teħtieġ li tiġi aġġornata fid-dawl tal-iżvilupp tas-suq u l-innovazzjonijiet teknoloġiċi. Madankollu, ser ikun importanti li jinstab bilanċ bejn il-livell ta' dettall ta' tali oqfsa ta' politika nazzjonali u l-frekwenza tal-aġġornamenti tagħhom.

V. KONKLUŻJONIJIET

Fuq il-bażi tal-ħidma mwettqa sa issa, il-Presidenza waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin:

1. L-Istati Membri ġeneralment jaqblu mal-oġettivi tal-proposta.
2. Madankollu, aspetti speċifiċi jeħtieġu aktar ħidma u konsiderazzjoni:
 - ċirkostanzi speċifiċi fl-Istati Membri, relatati mad-densità tat-traffiku u l-kopertura ġeografika;
 - il-livell ta' ambizzjoni għal kull wieħed mill-mezzi tat-traffiku u s-segmenti differenti;
 - ir-rekwiżiti għal servizzi ta' pagament, kemm għall-irriċarġjar kif ukoll għar-riforniment tal-fjuwil tal-vetturi tat-trasport bit-triq;
 - l-oqfsa ta' politika nazzjonali u kif jiġi żgurat il-valur miżjud tar-rappurtar dwar dawn il-pjanijiet.
3. Filwaqt li l-Presidenza tqis li l-ewwel test ta' kompromess huwa pass importanti, hija għalhekk meħtieġa aktar ħidma, sabiex isir progress sostanzjali dwar din il-proposta.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti u l-Kunsill huma mistiedna jieħdu nota ta' dan ir-rapport ta' progress li sar dwar il-ħidma b'rabta mar-reviżjoni proposta tar-Regolament dwar il-varar ta' infrastruttura ta' fjuwils alternattivi.

Matul il-Preżidenza Slovena, il-proposta u l-valutazzjoni tal-impatt tagħha ġew analizzati bir-reqqa fil-livell tal-Grupp ta' Hídma dwar Kwistjonijiet Intermodali u Networks. Id-diskussjoni ġenerali wriet li l-Istati Membri jagħtu importanza sinifikanti lil din il-proposta. Madankollu, in-natura teknika ħafna tagħha, il-komplessità politika ta' xi dispożizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi differenti u l-iżviluppi tas-suq jeħtieġu attenzjoni bir-reqqa u eżami ulterjuri.

Filwaqt li titqies waħda mill-isfidi ta' din il-proposta, l-Istati Membri huma mistiedna jaqsmu l-fehmiet tagħhom mhux biss, iżda b'mod partikolari, dwar:

- Kif jaraw id-dħul gradwali u l-adozzjoni mis-suq tas-segment tal-vetturi tqal li jaħdmu bi fjuwils alternattivi*
- Kif beħsiebhom isegwu l-progress li sar fl-implimentazzjoni tal-infrastruttura pubblika u privata għall-irriċarġjar u r-riforniment tal-fjuwil ta' vetturi tat-triq tqal?*
- Huma jaraw inċentivi jew miżuri speċifiċi li jistgħu jgħinu biex jiffaċilitaw integrazzjoni aktar mgħaġġla fin-negozju ta' kuljum tal-vetturi tqal tat-triq li jaħdmu bi fjuwil alternattiv u konsegwentement jikkontribwixxu għall-isforz żejjed meħtieġ biex tintlaħaq il-mira intermedjarja li jitnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030?*
